PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Petizzjonijiet*

24.10.2012

# AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett:** **Petizzjoni 0358/2011, imressqa minn Tomasz Snarski, ta' ċittadinanza Pollakka, dwar l-emenda tal-Att Litwan dwar l-Edukazzjoni u l-limitazzjoni li rriżultat tas-suġġetti tal-iskola mgħallma bil-lingwa Pollakka**

## 1. Sommarju tal-petizzjoni 0358/2011

Il-petizzjonant jirreferi għall-emenda tal-Att Litwan dwar l-Edukazzjoni, li se jillimita d-dritt tal-minoranza nazzjonali Pollakka li tgħallem bil-lingwa Pollakka. Minbarra li għandha tintuża b'mod obbligatorju għat-tagħlim tal-lingwa Litwana, il-lingwa tal-istat għandha tintuża għat-tagħlim tal-Istorja u l-Ġeografija, fost suġġetti oħra, u din il-bidla se twassal biex jingħalqu l-iskejjel Pollakki jekk ma jissodisfawx ir-rekwiżit ta' numru speċifiku ta' studenti. Il-petizzjonant iqis li din l-azzjoni min-naħa tal-Litwanja tikser għadd ta' ftehimiet u konvenzjonijiet internazzjonali, inklużi l-Patt Internazzjonali dwar il-Jeddijiet Ċivili u Politiċi tal-1966, il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Jeddijiet tal-Bniedem, il-Konvenzjoni Qafas tal-Ewropa għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali u l-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji. Għalhekk, il-petizzjonant jistieden lill-Parlament Ewropew biex jiżgura l-ħarsien tal-jeddijiet tal-minoranza Pollakka fil-Litwanja u biex janalizza jekk l-Att Litwan il-ġdid dwar l-Edukazzjoni jikkonformax mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità.

## 2. Ammissibilità

Il-petizzjoni 0358/2011 ġiet iddikjarata ammissibbli fit-8 ta' Lulju 2011. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni skont Artikolu 202(6).

## 3. **Risposta tal-Kummissjoni għall-petizzjonijet 0358/2011 u 0942/2011**, li waslet fis-16 ta' Diċembru 2011

Il-petizjonant jallega li l-emendi reċenti għall-Att dwar l-Edukazzjoni Litwan jillimita d-drittijiet lingwistiċi tal-minoranza Pollakka fil-Litwanja, li jqisuh bħala ksur ta' għadd ta' ftehimiet u konvenzjonijiet internazzjonali.

Il-Kummissjoni tixtieq tosserva li skont l-Artikolu 165 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri huma primarjament responsabbli għall-kontenut tat-tagħlim u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi tagħhom, kif ukoll għall-politika lingwistika tagħhom. F'dan ir-rigward, wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-istrumenti legali msemmija mill-petizzjonant huma barra mill-qafas ġuridiku tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikoli 21 u 22 tal-Karta tad-Jeddijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprojbixxu d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' appartenenza għal minoranza nazzjonali u jipprovdu għar-rispett mill-Unjoni tad-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet huma indirizzati biss lill-Istati Membri meta jkunu qed jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni; għalhekk huwa f'każijiet bħal dawn biss li l-Kummissjoni tista' tfittex li tinforza l-konformità mal-imsemmija dispożizzjonijiet permezz ta' proċeduri ta' ksur skont l-Artikolu 259 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni tixtieq iżżid li, fuq livell Ewropew, il-ħarsien ta' jeddijiet għall-preservazzjoni tal-identità, il-lingwa u l-kultura nazzjonali hi koperta mill-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali tal-1 ta' Frar 1995, li r-Repubblika tal-Litwanja tagħmel Parti Kontraenti minnha. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tixtieq tiġbed l-attenzjoni għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 25 u 26 tal-Konvenzjoni msemmija, li jipprovdu għal sorveljanza tal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni mill-Kumitat tal-Ministri, mgħejun minn kumitat konsultattiv għall-iskopijiet ta' valutazzjoni tal-adegwatezza tal-miżuri meħuda mill-Partijiet biex il-prinċipji spjegati fil-Konvenzjoni jsiru effettivi.

**4. Risposta tal-Kummissjoni (REV.)**, li waslet fis-24 ta' Ottubru 2012

Filwaqt li jikkontenda li s-sitwazzjoni tal-minoranza Pollakka fil-Litwanja kulma jmur qed issir agħar, il-petizzjonant prinċipalment jallega li d-drittijiet lingwistiċi, edukattivi u kulturali taċ-ċittadini Litwani ta' oriġini Pollakka, li huma derivati mill-istatus tagħhom bħala minoranza nazzjonali rikonoxxuta, mhumiex rispettati b'kontradizzjoni għad-dispożizzjonijiet relevanti tal-Patt Internazzjonali dwar il-Jeddijiet Ċivili u Politiċi, il-Konvenzjoni Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali, il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Jeddijiet tal-Bniedem u l-protokolli tagħha, u l-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji. Il-petizzjonant isostni f'dan ir-rigward li l-persuni li jappartienu għall-minoranza Pollakka fil-Litwanja huma mċaħħda mill-jedd tagħhom li jużaw u li jkollhom rikonoxxuti uffiċjalment kunjomhom u isimhom bl-ilsien matern tagħhom, kif ukoll mill-jedd li jkollhom ismijiet lokali tradizzjonali, ismijiet tat-toroq u indikazzjonijiet topografiċi oħra maħsuba għall-pubbliku esposti wkoll bl-ilsien matern tagħhom. Il-petizzjonant jikkontendi wkoll li l-emendi li saru dan l-aħħar fl-Att Litwan dwar l-Edukazzjoni jqiegħdu fi żvantaġġ liċ-ċittadini Litwani li jappartienu lill-minoranza Pollakka.

Fit-Trattati li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea[1], il-Kummissjoni ma għandha l-ebda setgħat ġenerali li tintervjeni mal-Istati Membri fil-qasam tal-jeddijiet fundamentali. Tista'

[1] It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

tagħmel dan biss jekk tkun involuta kwestjoni tad-dritt tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 51(1) tagħha, il-Karta tapplika għall-Istati Membri biss meta jkunu qed jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, l-Artikolu 6(1) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li, *"[i]d-dispożizzjonijiet ta' din il-Karta m'għandhom bl-ebda mod jestendu l-kompetenzi ta' l-Unjoni kif definiti mit-Trattati"*

Abbażi tal-informazzjoni mogħtija fil-petizzjoni, ma jidhirx li l-kwestjoni li qed jirreferi għaliha l-petizzjonant hija relatata mal-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea. Għal din ir-raġuni, ma huwiex possibbli li l-Kummissjoni Ewropea ssegwi l-kwestjonijiet imqajma fil-petizzjoni.

F'tali każijiet, huwa f'idejn l-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħhom, li jiżguraw li l-jeddijiet fundamentali jiġu rrispettati u mħarsa b'mod effettiv skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom u skont l-obbligi internazzjonali tagħhom rigward il-jeddijiet tal-bniedem.

Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li ma għandha l-ebda setgħat ġenerali fir-rigward tal-minoranzi. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ma għandha l-ebda kompetenza fuq kwestjonijiet li jikkonċernaw id-definizzjoni ta' x'inhi minoranza nazzjonali, ir-rikonoxximent tal-istatus tal-minoranzi jew l-awtodeterminazzjoni jew l-awtonomija tagħhom. Dawk il-kwestjonijiet jaqgħu taħt ir-responsabilità tal-Istati Membri.

Fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri, meta jkunu qed jimplimentaw dan id-dritt, jirrispettaw il-jeddijiet fundamentali, inkluż il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni li jipprovdi għalih l-Artikolu 21 tal-Karta. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni u l-programmi ta' finanzjament tal-UE jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati ċerti diffikultajiet li x'aktarx li jaffettwaw lill-persuni li jappartienu għall-minoranzi, bħalma huma d-diskriminazzjoni u t-tixwix għall-vjolenza jew il-mibegħda bbażati fuq ir-razza jew l-oriġini nazzjonali jew etnika.

Fir-rigward tal-allegat ksur tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE, il-Kummissjoni tixtieq tfakkar li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 tal-imsemmija Direttiva jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni tagħha rigward il-qasam tal-edukazzjoni għas-setgħat mogħtija lill-Unjoni. Għalhekk id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw aspetti tal-kontenut tal-kurrikulu edukattiv ipprovdut jew il-jeddijiet lingwistiċi tal-minoranzi nazzjonali jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/43/KE. Il-Kummissjoni tinnota wkoll f'dan ir-rigward li l-Qorti waslet għall-istess konklużjoni fid-deċiżjoni preliminari tagħha f'*Runevič-Vardyn u Wardyn* (Kawża C-391/09, 12 ta' Mejju 2011, paragrafu 47) fir-rigward tal-jedd li jintuża isem bil-lingwa ta' minoranza. Barra minn hekk, fir-rigward tal-allegazzjonijiet tal-petizzjonant rigward il-potenzjal li hemm ksur tal-Artikolu 20(2) jew 21 TFUE, il-Kummissjoni tinnota li fil-kawża msemmija aktar kmieni (paragrafu 70), il-Qorti kkonkludiet li l-assenza tal-jedd li dak li jkun juża ismu b'ilsien ta' minoranza m'għandhiex it-tendenza li żżomm ċittadin tal-Unjoni milli jeżerċita l-jeddijiet tiegħu ta' moviment rikonoxxuti fl-Artikolu 21 TFUE u, għalhekk, ma tikkostitwixxix restrizzjoni.

Il-Kummissjoni fl-aħħar tinnota li qed jiġi allegat ukoll fl-annessi tal-petizzjoni li l-Unjoni għandha tkun attiva u mhux passiva fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni etnika, kif hemm ipprovdut skont l-Artikolu 10 TFUE. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni trid tenfasizza li l-imsemmi Artikolu jillimita b'mod ċar il-kamp ta' applikazzjoni tal-għan tal-Unjoni fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni għad-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tagħha proprji. Din id-dispożizzjoni ma tistax għalhekk tikkostitwixxi bażi legali biex jiġi

segwit dak il-għan barra mill-kompetenza tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni tixtieq madankollu tirreferi lill-petizzjonant għall-qafas eżistenti fi ħdan il-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali[1], l-ewwel strument multilaterali legalment vinkolanti ddedikat għall-ħarsien tal-minoranzi nazzjonali b'mod ġenerali (paragrafu 10 tar-Rapport Spjegattiv tal-Konvenzjoni[2]), li tiegħu kemm ir-Repubblika tal-Polonja u kemm ir-Repubblkia tal-Litwanja huma Partijiet. Skont l-Artikolu 24(1) tal-Konvenzjoni, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa huwa afdat bil-kompitu li jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni mill-Partijiet Kontraenti. Fl-ivvalutar tal-adegwatezza tal-miżuri meħuda mill-Partijiet biex il-prinċipji spjegati fil-Konvenzjoni jsiru effettivi, il-Kumitat huwa mgħejun f'dan il-kompitu minn kumitat konsultattiv (Artikolu 26(1) tal-Konvenzjoni), li l-membri tiegħu għandhom għarfien espert rikonoxxu fil-qasam tal-ħarsien tal-minoranzi nazzjonali. Il-Kummissjoni tinnota li f'dan ir-rigward il-Litwanja s'issa ressqet tliet rapporti dwar is-sitwazzjoni tal-minoranzi nazzjonali tagħha, fejn l-aħħar rapport wasal għand il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fil-21 ta' Settembru 2011[3]. Il-kumitat konsultattiv għadu ma adottax opinjoni rigward dan it-tielet rapport, imma it-tieni opinjoni dwar il-Litwanja, adottata fit-28 ta' Frar 2008, huwa disponibbli pubblikament fuq il-websajt tal-Kunsill tal-Ewropa[4].

Il-Kummissjoni tinnota wkoll li, fiż-żjarat li saru dan l-aħħar fil-Litwanja u l-Polonja, il-Kummissarju tal-OSKE għall-Minoritajiet Nazzjonali "ħeġġeġ liż-żewġ Gvernijiet jindirizzaw il-kwestjonijiet tal-minoranzi nazzjonali f'pajjiżhom stess, filwaqt li jaħdmu wkoll biex itejbu r-relazzjonijiet bilaterali tagħhom, inkluż billi jqajmu mill-ġdid mekkaniżmi bħalma hu l-grupp konġunt ta' esperti tal-edukazzjoni"[5]. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-Kummissarju Għoli qed jaħdem maż-żewġ pajjiżi biex jinvestiga u jagħmel rakkomandazzjonijiet relatati mas-sitwazzjoni tal-minoranza Pollakka fil-Litwanja u l-minoranza Litwana fil-Polonja.

1 http://conventions.coe.int/Treaty/en/Treaties/Html/157.htm

2 http://conventions.coe.int/Treaty/en/Treaties/Html/157.htm

3 http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/minorities/3_fcnmdocs/PDF_3rd_SR_Lithuania_rev_en.pdf

4 http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/minorities/3_fcnmdocs/PDF_2nd_OP_Lithuania_en.pdf

5 http://www.osce.org/hcnm/89402